

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-aspettattivi leġittimi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-eżerċizzju normali tad-drittijiet ta' difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smiġh, tal-obbligu ta' imparzjalità u tal-osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tal-assenza ta' diliġenza, b'mod partikolari tal-osservanza tat-terminu raġonevoli.

Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2017 – Lotte vs EUIPO – Nestlé Schöller (rappreżentazzjoni ta' koala)

(Kawża T-41/17)

(2017/C 095/25)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Lotte Co. Ltd (Tokyo, il-Ġappun) (rappreżentant: M. Knitter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Nestlé Schöller GmbH & Co. KG (Nürnberg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni (rappreżentazzjoni ta' koala) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 158 463

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-28 ta' Ottubru 2016, fil-Każ R 250/2016-5

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad l-oppożizzjoni fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - Ksur tar-Regola 22(3) tar-Regolament Nru 2868/95;
 - Ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009;
 - Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-